IL-BIRGU
Città Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

---

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

## Laqgħa Nru. 15(07)/2016

Data: 12 ta' April, 2016

Hin: 4:00pm

Post: Kunsill Lokali Birgu, Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu

---

Preżenti:
***Is-Sur John Boxall*** – *Sindku*
***Is-Sur Trevor Mizzi*** – *Viċi Sindku*
***Is-Sur Anton Gellel*** – *Kunsillier*
***Is-Sur Lawrence Attard*** – *Kunsillier*
***Is-Sjra Tania Belfiore*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: ***Is-Sur Eman Zerafa*** – *Kunsillier (Marid)*

Assenti:

---

### AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Referendum tal-Bini mill-Gdid tat-Torri tal-Arlogg fil-Pjazza
5. Upgrading tal-Bandli
6. Xoghlijiet u Approvazzjoni tal-Lift fil-Berga tal-Ingilterra
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti
8. Aggornament

## Talba

Is- Sindku qal it-talba u ta bidu ghall- Laqgha numru 15(07).

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Il-Minuti tal-Erbghatax (14) il-Laqgha tas-Sebgha Kunsill li gew iccirkulati mis-Segretarju Ezekuttiv qabel il-Laqgha numru 15, gew approvati b'mod unanimu.

### 2. Punti Mqajjma mill-Minuti

**2.1** Spunt Dwar il-Konferenza 'The Most Beautiful Villages in the Mediterranean' li saret f'Cisterino bejn is-16 u it-18 ta' Novembru, 2015 - Is-Sindku nforma lil dawk presenti li l-Kunsill ma rcieva l-ebda risposta minn din l-assocjazzjoni.

**2.2** Spunti mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar ATTIVITAJIET GHAL MATUL IS-SENA 2016 – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kellu laqgha ma' Jackson Pipes Band fejn tkellmu dwar il-possibilita' li l-Jackson Pipe Band tippartecipa fl-attivita' tal-Birgufest 2016 il-Gimgha u l-Hadd filghodu, u ghall-ewwel darba fl-attivitajiet tal-Milied 2016. Permezz tat-telefon il-Jackson Pipe Band tkellmu mal-Arcipriet rigward l-attivita' tal-Milied 2016.

**2.3** Spunt minn korrispondenza li giet moqrija fil-laqgha precidenti rigward laqgha - mitluba mill-Onor Stefan Buontempo mas-Sindku – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret reazzjoni ghat-talba li ghamel il-Kunsill lis-Seg. Parlamentari Buontempo. Is-Sindku qal li ghad li l-Kunsill ghadu ma gie moghti l-ebda risposta, huwa nfurmat li l-makkinarju ghat-tindif tal-pavimentar li gie mitlub mill-istess kunsill lis-Seg. Parlamentari Ghal Gvern Lokali qieghed lest biex jinghata ill-Kunsill.

**2.4** Spunt mill-Korrispondenza mibghuta lis-Segretarju Parlamentari Chris Fearne – Is-Sindku gharraf lill-Kunsill li l-istima sabiex jigu rinovati z-zewgt ikmamar li jintuzaw mit-tabib u n-ners fil-Berga tal-Ingilterra tqarreb id-€9,200. L-imsemmija stima intbaghtet lid-Direttur tal-Primary Health fejn giet approvata. Aktar tar ser jigi ffirmat il-ftehim milhuq miz-zewg partijiet.

**2.5** Spunt mill-Korrispondenza mid-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern rigward il-kont tad-dawl u l-ilma tal-Berga ta' Franza fejn l-istess dipartiment qieghed jitlob sabiex il-Kunsill ihallas is-somma ta' €11,967.06 - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Inginier Reno Galea Curmi ikkonferma li l-pannelli qeghdin jahdmu tajjeb u li il-bzonn hu li wiehed izid aktar pannelli mal-erbatax li diga' hemm sabiex tintlahaq id-domanda ghall-energija fil-kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-ftehim li sar mad-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern sabiex jithallsu l-kontijiet li hemm b'lura tad-dawl ghadu ma giex iffirmat, u ghalkemm ittiehdu passi minn naha tal-Kunsill sabiex il-kontijiet jibdew jghajjtu lill-Kunsill, sa issa ghadhom ma waslux kontijiet fil-Kunsill.

**2.6** Talba minn naha tal-Kunsill lis-Sur Martin Morana sabiex tinghata ghajnuna biex jitella' *reanactment* f'attivita' kulturali ghat-tfal fil-Foss tal-Birgu nhar is-Sibt 27 ta' Frar, 2015 – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din l-attivita' ghadha ma saritx pero' huwa mportanti li ssir fi zmien qarib.

**2.7** Korrispondenza mill-MEPA fejn il-Kunsill gie infurmat li s-somma tal-Urban Improvement Fund (UIF) ghall-lokalita' tal-Birgu hi ta' €20,848.40 – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-isem tal-fond Urban Improvement Fund (UIF) ser jinbidel ghal 'Development Fund' sabiex l-istess fond ikollu firxa aktar wiesa' b'aktar oqsma li jkun elegibbli ghal dan il-fond fosthom facilitajiet sportivi, edukazzjoni, gonna, ecc. Hu fakkar li f'dan il-fond il-kunsill ghandu qrib il-€21,000.Huwa fakkar lil dawk prezenti li fil-laqgha precidenti kien intlahaq qbil unanimu li din ic-cifra tintuza sabiex tinbidel is-sistema tad-dawl f'Tal Hawli li l-ispiza taghha ser taqbez is-€26,000. Is-Sindku ppropona li jkun ghaqli li l-progett tal-bdil tas-sistema tad-dawl f'Tal Hawli issa isir mill-fond tal-ERDF, filwaqt li partijiet mill-upgrading tal-bandli tal-lokal isiru mill-fond tad-Development Fund (ex-UIF). Il-membri kollha presenti qablu b'mod unanimu mal-proposta tas-Sindku.
Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-progett tal-Glaziz fejn nforma lill-membri tal-Kunsill li huwa ppjanat li jsir 7-a-side pitch tal-futbol, open air gym, walking trekk u picnic area. Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsill qieghed fi djalogu mal-Kunsill Konsultattiv ghan-Nofsinhar ta' Malta.

**2.8** Korrispondenza minghand il-Kummissarju ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, is-Sur Emanuel Buhagiar, fejn qieghed jinforma lill-Kunsill li minhabba diversi ragunijiet ma huwiex possibbli li l-Kummisarjat tieghu imur jokkupa parti mill-binja ta' Couvre Porte - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol tal-arkivji f'Couvre Porte huwa kwazi lest.

**2.9** Harga Kulturali Organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Birgu - Is-Sindku ha spunt minn dan is-suggett u ppropona li jigi kkrejat fond li qliegh minn attivitajiet socjali li jsiru minn zmien ghal zmien mil-Kunsill imur ghal dawk it-tfal tal-lokalita' (mit-

twelid sa ghaar snin) li jkollhom bzonn jiehdu kura barra minn xtutna. Il-proposta tas-Sindku ntlaqghet b'mod unanimu mill-membri prezenti. Gie diskuss li jrid jitwaqqaf kumitat indipendenti b'rapprezentanza tal-Kunsill u li l-membri tieghu ikunu ta' certa integrita'. Waqt id-diskussjoni gew nominati il-Magistrat Neville Camilleri u Dr. Pawlu Bezzina,kif ukoll persuna ohra femminili. Fuq dan kien hemm ukoll qbil unanimu.

**2.10** **Korrispondenza lis-Sur Joseph Church, Chief Electoral Commissioner, fejn is-Sindku f'isem il-Kunsill, fakkru f'dak li kien diskuss bejniethom kif ukoll parir fuq id-data ta' meta jista' jsir ir-referendum -** Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li f'dan il-mument jiddiskuti dan is-suggett li jinsab ukoll fuq l-Agenda. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill ma huwiex f'pozizzjoni li jaghmel ir-referendum f'Mejju minhabba diversi ragunijiet fosthom impenji tal -konferenza tal-WELCOME li ser ssir f'Malta f'dak ix-xahar kif ukoll diversi konferenzi barra minn Malta. Il-Kunsillier Gellel issugerixxa li jinhatar sotto-kumitat li jmexxi l-logistika tar-referendum, bic-cerperson ikun persuna professjonali li ghandha certa esperjenza fil-process elettorali. Huwa kompla jghid li tkun ideja tajba jekk wiehed jitlob lic-Chief Electoral Commissioner biex jindika din il-persuna, li tkun mqabbda bi hlas mill-Kunsill sabiex tmexxi l-process tar-referendum. Intant giet diskussa l-possibbilita' li tittella' wirja fuq it-torri tl-arlogg, laqghat mar-residenti, issir impressjoni artistika kif ukoll filmat 3D. Is-Sindku informa lilll-Kunsill li huwa diga' tkellem mal-arluggar li hemm il-hsieb li jigi nkarigat mit-tiswija tal-arlogg.

Il-Kunsillier Gellel qal li wiehed ghandu jahtar bord biex jipprepara dak kollu mehtieg ghar-referendum qabel ma tigi ffissata data ta' meta jsir.

Intant, is-Sindku pogga fuq il-mejda r-risposta li c-Chief Electoral Commissioner ta lill-Kunsill fejn informa lill-istess Kunsill li l-eta' elegibbli li wiehed irid ikollu sabiex jivvota f'dan ir-referendum hija ta' tmintax il-sena.

**2.11** **Kwotazzjoni minghand Salvarti Co. Ltd rigward Pigeon Spike** – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ghalf li jisterellizza l-hamiem li gie diskuss fil-laqgha precidenti hawn kontraversja fuqu. Filwaqt li l-Kunsill jaqbel unanimament li l-problema tal-hamiem fil-lokalita' dejjem qeghda tizdied, gew diskuss diversi modi ta' kif wiehed jista' jelimina din il-problema.

**2.12** **Notifika minghand il-kumpanija Pricewaterhouse Coopers fejn qeghdin jinfurmaw lill-Kunsill li bejn April u Lulju 2016 se jorganizzaw kors li jwassal ghall-Certification in EU Funds Management (EQF/MQF Level 5) u li l-prezz tieghu huwa ta'€1,600** - Is-Sindku nforma lis-Segretarju Ezekuttiv li l-applikazzjoni ghal dan il-kors ghandha tintbaghat minnufih ghaliex dan huwa investiment ghall-gejjieni. Il-Kunsill qabel li ghal dan il-kors ghandha tintbaghat is-Sinjura Lara Mascena li hi dik il-persuna li bhalissa qeghda tiehu hsieb il-progetti tal-Unjoni Ewropeja.

**2.13** Notifika m'ghand l-assocjazzjoni ALDA sabiex jinfurmaw lill-Kunsill bil-laqgha generali li ser issir bejn it-12 u it-13 ta' Mejju, 2016 gewa Parigi – Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li wara li l-Kunsill Gellel infurmah li ma jistax jattendi din il-laqgha,ser jattendi minnflok il-Kunsillier Gellel, s-Sur Mark Causon (Project Manager). L-ispejjez tas-Sur Mark Causon ser jithallsu mis-Sur Causon personalment.

**2.14** Korrispondenza ffirmata mis-Sindku f'isem il-Kunsill fejn qeghda tintalab ghajnuna finanzjarja ghall-progett tal- mapstour mal-kumpanija Google u Notifika lil-membri tal-Kunsill ffirmata mis-Sindku sabiex jistedinhom jattendu laqgha mportanti mar-rapprezentant Malti tal-Google Business View, is-Sur Joseph Galea - Is-Sindku nforma lil dawk presenti li hu attenda flimkien mal-Vici Sindku laqgha fuq dan is-suggett mas-Seg. Parl. Chris Agius, kif ukoll li saret laqgha ohra mal-istess Seg. Parl u mal-Ministri tat-Turizmu u tal-Edukazzjoni, f'liema laqgha hu ma kienx presenti ghax kien indispost. Ir-risultat ta' dawn id-diskussjonijiet ghad irid johorgu pero' kollox jindika li l-ewwel streetmap tal-Google f'Malta ser tkun tal-lokalita' tal-Birgu.

**2.15** Posta elettronika minghand The Community Workers Foundation fejn baghtu informazzjoni rigward il-pozizzjoni tal-Community Workers fil-Kunsilli Lokali u l-proceduri kollha li ser jibdew jittiehdu mill-1 ta' Marzu, 2016 – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qieghed jaghmel hiltu kollha sabiex Ivan Zammit (li ghamel zmien twil konvalaxxenti) jigi nkluz fil-Community Workers Foundation. Is-Sindku zied jghid li n-nuqqas ta' Ivan Zammit jinhass sew ghaliex huwa utli hafna ghall-Kunsill.

**2.16** Notifika li tqassment fir-residenzi kollha tal-Birgu sabiex jigu nfurmati li l-Kunsill ser ikun qed jahtar zaghzugh/a sabiex isservi bhala Ambaxxatur/ Ambaxxatrici taz-Zaghzagh mal-Kunsill Lokali tal-Birgu u min hu elegibbli u jixtieq jigi kkunsidrat ghal din il-pozizzjoni ghandu juri l-interess tieghu sal-Gimgha 11 ta' Marzu, 2016 – F'isem il-Kunsill, is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tikkomunika mas-Sur Miguel Farrugia sabiex tistiednu jigi l-Kunsill halli tigi diskussa l-pozizzjoni ta' Ambaxxatur taz-Zaghzagh (Kopja tal-wirja ta' interess tas-Sur Miguel Farrugia qeghda annessa mal-Korrispondenza). Il-membri kollha presenti tal-Kunsill qablu b'mod unanimu.

**2.17** Korrispondenza mibghuta lill-Ministru ghat-Transport minghand is-Sindku f'isem il-Kunsill, fejn qieghed jitlob li Ministru Mizzi sabiex jintervjeni halli Triq Desain u Triq il-Kardinal, li x-xoghol fuqhom ilu qrib sena ghaddej, jitlestew kemm jista' jkun malajr. - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-present ix-xoghol miexi b'ritmu tajjeb hafna.

**2.18** Talba minghand is-Sur Godwin Vassallo sabiex il-parkegg fiz-zona ta' fuq il-Fortini isir riservat ghar-residenti biss, specjalment fil-Hdud u nhar ta' Tlieta, minhabba li tezisti problema kbira biex wiehed jipparkja. Fil-korrispondenza tieghu, is-Sur Vassallo ilmenta wkoll li z-zebgha fuq il-linji tal-parkett m'ghadiex tidher - Is-

Sindku forma lill-Kunsill li f'isem l-istess Kunsill huwa ghadda t-talba tas-Sur Vassallo lill-awtoritajiet koncernati.

**2.19** Korrispondenza elettronika mill-Kunsill lil CareMalta fejn il-Kunsill qieghed jinnomina lis-Sur George Agius ghall-Premju Nazzareno Vassallo – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur George Agius huwa wiehed mill-finalisti ta' dan il-premju. Hu zied jghid li huwa mportanti ferm li jkun hemm rapprezentanza tal-Kunsill fl-okkazzjoni tal-premjazzjoni li ser issir fil-Palazz Verdala fit-12 ta' Mejju, 2016 fl-3:45 pm (erbgha nieqes kwart ta' wara nofsinhar).

**2.20** Gita' ta' Erbat Ijiem fi Sqallija Organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Birgu – Is-Sindku informa lill-Kunsill li sa issa diga' bbukjaw 25 persuna ghal din il-gita.

**2.21** Birgufest 2016 – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret il-laqgha tas-Sotto Kumitat ta' din l-attivita'. Il-Kunsillier Gellel informa lill-Kunsill li hu ltaqa' mal-Puse' li nfurmah li l-prezz sabiex itella' spettaklu ta' saghtejn b'9 piece band hu ta' €2,500. Zied jghid li jekk wiehed jaghzel li jinkludi wkoll fl-ispettaklu lil Pawlu l-Pampalun, il-prezz jitla' ghal €2,700. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Puse' jintalab jaghti l-ispettaklu ghall-prezz ta' €2,500.

## 3. Korrispondenza

**3.1** **Korrispondenza minghand il-Vici Sindku tal-belt ta' Avignon, is-Sur Jacques Montaigniac fejn wera l-interess l jsir gemellagg bejn il-Belt Vittoriosa u l-Belt Avignon, Franza.** - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa gie mistieden li jzur il-Belt ta' Avignon bejn it-13 u l-15 ta'Gunju, 2016, sabiex jiddiskuti l-gemellagg taz-zewgt ibliet.

**3.2** **Stedina minghand is-Sindku tal-belt ta' Dubrovnik bejn is-27 u t-30 t'April, 2016 sabiex is-Sindku u delegazzjoni mill-Kunsill tal-Birgu jattendu '2nd European Festival of Tourism and Strategy'. L-ispejjez tal-akkomodazzjoni huma offruti, filwaqt li l-bqija tal-ispejjez iridu jigu koperti minn naha tal-Kunsill tal-Birgu** – Wara diskussjoni, gie deciz b'mod unanimu li minhabba impenji ohra, m'huwiex possibbli li din l-istedina tigi milqugha.

**3.3** **Twegiba minghand ic-Chief Electoral Commisioner wara li l-Kunsill talab sabiex jigi ggwidat rigward l-eta' tal-votanti fir-referendum tal-bini mill-gdid**

**tal-arlogg fil-pjazza.** - Din il-korrispondenza diga' giet diskussa aktar il-fuq f'dawn il-minuti (Pagna 4, 2.10)

**3.4 Notifika minghand LUNF rigward il- laqgha li ser qabel il-Konferenza tal-LUNF gewwa l-Italja. Din il-laqgha ser issir l-Erbgha 6 t'April 2016 fil-Kunsill tal-Isla.** – Il-Kunsillier Attard ikkonferma li ghal din il-laqgha attendu u Ethel Zammit. Il-Kunsillier Attard ppropona li d-delegazzjoni minn naha tal-Birgu jiltaqghu s-Sibt 16 ta' April, 2016 sabiex jiffinalizzaw l-ahhar preparamenti qabel isiefru. Is-Sindku informa lill-Kunsill rigward l-affarijiet li ser jittellghu biex jinghataw lil dawk li ser jattendu l-konferenza tal-LUNF gewwa l-Italja.

**3.5 Kopja ta' korrispondenza mill-Kunsill tal-Birgu biex jintwera nteress ghall-gemellagg bejn il-Belt Vittoriosa u l-Belt ta' Tbilisi, Georgia.**

**3.6 Risposta mid-DLG rigward talba mill-Kunsill sabiex jara huwiex possibbli li d-DLG jissussidja kors/jew parti minnu li hemm l-interess li tattendi ghalih Lara Mascena** – Din il-korrispondenza diga' giet diskuss aktat il-fuq f'dawn il-minuti (Pagna 4, 2.2)

**3.7 Kopja ta' Partner Data Form sabiex il-Kunsill jissieheb fil-progett MO.WE.**

**3.8 Wirja ta' nteress miz-zaghzugh Miguel Farrugia sabiex jinghata l-kariga ta' Ambaxxatur taz-Zaghazgh fil-Kunsill tal-Birgu.** Din il-korrispondenza diga' giet diskussa aktar il-fuq f'dawn il-minuti (Pagna 5, 2.16)

**3.9 Stedina Lis-Sindku sabiex jattendi l-Assemblea Generali 2016 tal-ALDA bejn it-12 u t-13 ta' Mejju,2016 gewwa Parigi -** Din il-korrispondenza diga' giet diskussa aktar il-fuq f'dawn il-minuti (Pagna 5, 2.13)

**3.10 Korrispondenza lis-Sur Julian Sammut, Fondazzjoni Alf Mizzi li inkludiet ukoll maghha l-ispiza totali tal-progett mahsub li jsir il-bandli, u anke kopja tal-approvazzjoni tal-MEPA ghal dan il-progett**

**3.11 Kopja ta' korrispondenza li giet mibghuta lis-Sindki tat-tlett ibliet, tal-Kalkara u ta' Haz-Zabbar mis-Sindku John Boxall fejn issugerixxa li ssir talba konguta lill-Transport Malta sabiex fl-akwati jsir parkegg tal-Park and Ride minhabba l-problema tal-parkegg –** Is-Sindku nforma lil-Kunsill li waqt diskussjoni ma' Transport Malta gie nfurmat li kien hemm ix-xewqa minn naha ta' TM i jsir park and ride fl-akwati tal-Kottonera. Is-Sindku qal li minn TM issuggerewlu sabiex li ssir talba kongunta mill-lokalitajiet tal-Kottonera ghal dan il-ghan. Sa issa l-lokalitajiet tal-Isla u l-Kalkara biss baghtu twegiba, liema twegiba kienet fil-posittiv.

**3.12 Notifika rigward Applikazzjoni ghall-Permess ta' Zvilupp u d-data ta' meta ser tittiehed decizjoni dwar konstruzzjoni li huwa ppjanant li ssir sabiex ikun hemm access ghall-persuni b'dizabilita' fit-toilets tat-Toqba** – Is-Sindku nforma lill-membri tal-kunsill li waqt il-laqgha li saret il-Mepa fit-8 t'April, 2016, l-unika entita li oggezzjonat kienet is-Supretendenza. Informa wkoll lill-Kunsill li ser terga' ssir laqgha biex tittiehed decizjoni fis-6 ta' Mejju, 2016.

**3.13 Talba ghal pagament sabiex jinhareg il-permess ghall-alterazzjonijiet zghar interni u l-installazzjoni tal-lift gewwa l-Berga tal-Ingilterra.**

**3.14 Korrispondenza minghand Renald Cassar (D-centre) fejn permezz ta' ritratti qieghed jindika lill-Kunsill fejn ghandu x-xewqa li jaghmel tabelli ta' riklamar ghall-istabbiliment tieghu** - Wara diskussjoni, gie deciz unanimament li li tintalab minghand is-Sur Cassar is-sommata' €50 ghal kull tabella. Intlahaq ukoll qbil unanimu li tigi mfassla by-law fuq din il-materja.

**3.15 Notiifika mid-DLG fejn il-Kunsill gie nfurmat bl-laqgha li tikkoncerna l-ERDF u li ser issir fit-28 ta' Marzu, 2016 .**

**3.16 Korrispondenza bejn il-Kunsill u Norbert Gatt (Direttur – Restoration Directorate) rigward pjanta ghat-tisbieh taz-zona fejn kien hemm l-Oil Depot,**

**taht il-Posta ta' Kastilja -** B'konnessjoni ma' dan is-suggett, is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-kamra il-pjanta tas-Sensory Garden li huwa pprogettat li jsir flok l-Oil Depot, fil-limiti tax-Xewkija. Wara li gie diskuss dan is-suggett, kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha tal-Kunsill li ghandha ssir latrina kif ukoll jinstab spazju ghall-parkegg.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-progett tas-Sensory Garden, bil-boundry jitwessa' ftit ghall-parkegg, kif ukoll li jekk ma huwiex possbbli li ssir latrina minhabba l-Mepa, ghandhom jitpoggew mobile toilets. Intlahaq ukoll qbil unanimu li l-Kunsill ma jiehux responsabilita' tat-tmexxija ta' dan il-gnien.

**3.17** **Kopja ta' Mandat ffirmat minn naha tal-Kunsill tal-Birgu sabiex l-istess kunsill jissieheb fil-progett 'Media literacy: diversity and communication challengers' li huwa progett fi hdan l-Erasmus +**

**3.18** **Sejha ghal-Shubija fil-Progett Youth Exchange Masterchef, it-tali progett hu fi hdan ERASMUS+KA1 u Kopja tal-Mandat iffirmat mill-Kunsill sabiex l-istess Kunsill jissieheb fil-progett ERASMUS+KA1 (ALDA)**

**3.19** **Talba minghand Brendon Debono sabiex fil-granet tat-attivitajiet tal-Gimgha l-Kbira 2017, jerga' jarma bl-istatwi fl-entrata tal-Kunsill** Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jilqa't-talba tas-Sur Debono.

**3.20** **Kopja ta' Mandat ffirmat minn naha tal-Kunsill tal-Birgu sabiex l-istess kunsill jissieheb fil-progett 'Cooperation for Innovation and the Exchange of Good Practices' li huwa progett fi hdan l-Erasmus +KA2**

**3.21** **Talba lill-Ministeru tat-Transport ghal ghajnuna fil-progett tal-bandli, tali ghajnuna li m'hemmx ghalfejn tkun finanazjarja** - Is-Sindku informa lill-Kunsill li ghadha ma waslitx risposta minn naha tal-Ministru tat-Transport

**3.22** **Korrispondenza lis-Sur Osvaldo Pace fejn il-Kunsill qieghed jitlob it-taghrif kollu u l-izviluppi kollha s'issa dwar il-progett fiz-zona maghrufa bhala Glaziz.**

Din il-korrispondenza diga' giet diskussa aktar il-fuq f'dawn il-minuti (Pagna 3, 2.7)

**3.23** **Talba minghand Irina Malikova (Prsident IPPO Malta) f'isem il-President of In ternational Academy of Culture & Arts sabiex il-Kunsill japprova li jittella workshop ta' madwar 14 il-gurnata fix-xahar t'April 2017 minn artisti Russi.** - Wara diskussjoni fuq dan is-suggett, il-Kunsill jaqbel unanimament li japprova din it-talba sakemm din ma tinvolvix spejjez.

**3.24** **Notifika minghand Irina Malikova (Prsident IPPO Malta)fejn infurmat lill-Kunsill li l-Vici Kap tal-Amministrazzjoni tal-Belt ta' Gatchina huwa nteressat f'gemellagg bejn il-Belt Vittoriosa u l-Belt Gatchina.**- Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jitob permess sabiex jipprocedi b'dan il-gemellagg mid-DLG u mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

**3.25** **Talba mill-Appogg sabiex l-edizzjoni tal-Fiera DIY li ser issir fl-10 t'April, 2016, tittella' fil-binja tal-Kunsill.**

**3.26** **Wirja ta' nteress sabiex il-Kunsill jippartecipa fil-progett YE NCIS. Li jinvolvi skambju ta' zaghzagh f'Alonte, l-Italja**

**3.27** **Kopja ta' cekk ta' €2,000 li l-Kunsill rcieva minghand TM wara li tella' l-attivita' Car Free Day – Do it Right Mix fit-18 ta' Marzu, 2016.**

**3.28** **Korrispondenza minghand Norbert Gatt rigward l-installazzjoni tal-istairlift gewwa l-Foss.** – Is-Sindku flimkien mal-bqija tal-membri tal-Kunsill iddiskutew id-diversi nuqqasijiet li ghad hemm Foss fosthom it-toilets, it-tisqija tas-sigar kif ukoll il-problema ta' min ser jiehu l-inkarigu tal-istair lift .

**3.29** **Korrispondenza mibghuta mill-Kunsill lill-Perit Audrey Testaferrata Denoto rigward il-parkegg riservat ghat-tabib u n-ners tal-berga fil-pjazza.**

**3.30** **Kopja tal-Prenotifikazzjoni tal-WEEE u l-Bulky Refuse lill-MEPA** - Is-Sindku ta l-approvazzjoni lis-Seg. Ezekuttiv sabiex tispjega fid-dettal il-procedura gdida tal-gbir goff mahruga mill-MEPA .

**3.31** **Korrispondenza lill-TM rigward talba li saret sabiex ikun hemm parkegg riservat fiz-zona ta' Fuq il-Fortini** Din il-korrispondenza diga' giet diskussa aktar il-fuq f'dawn il-minuti (Pagna 5, 2.18)

**3.32** **Notifika li l-isem tal- fond Urban Improvement Fund (UIF) ser jinbidel ghal 'Development Fund' u ser ikun hemm aktar oqsma li jkunu eligibbli ghal dan l-fond -** Din il-korrispondenza diga' giet diskussa aktar il-fuq f'dawn il-minuti (Pagna 3, 2.7)

**3.33**

**3.34** **Talba ghal '*no objection*' minghand iz-zewg ghaqdiet muzikali tal-Kalkara, l-Ghaqda Muzikali San Guzepp (14, 16 u 17 ta' Lulju, 2016) u Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja (fil- 15 ta' Lulju, 2016, 10:00pm – 10:30pm), sabiex jinharaq in–nar tal-ajru fl-inhawi Tax-Xewkija, limiti tal-Birgu.** - Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn iz-zewg ghaqdiet jinghataw il-permess mitlub minnhom b'diversi kundizzjonijiet, kif ukoll li jigu nfurmati li hekk kif jibda jitwettaq il-progett tas-Sensory Garden, , huma ghandhom jahsbu ghal post alternattiv biex jaharqu n-nar.

**3.35** **Kopja ta' Korrispondenza li ntbaghtet lis-Sur George Agius minn Care Malta Ltd wara li dan gie nominat mill-Kunsill ghall-Premju Nazzareno Vassallo Award for Initiatives in Elder Care 2016. Ic-cerimonja ser issir nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju, 2016 gewwa l-Palazz Verdala.** - Din il-korrispondenza diga' giet diskussa aktar il-fuq f'dawn il-minuti (Pagna 6, 2.19)

**3.36** **Ittra ta' Rizenja tas-Sjra Anne Marie Parsons**

**3.37** **Ringrazzjament lill-Kunsill mis-Socjeta Muzikali San Lawrenz ghall-attendenza tal-membri tal-Kunsill fil-funeral tal-Vici President Anthony Gauci**.

## 4. Referendum tal-Bini mill-Gdid tat-Torri tal-Arlogg fil-Pjazza

4.1 Dan is-suggett diga' gie diskuss aktar il fuq f'dawn il-minuti

## 5. Upgrading tal-Bandli

**5.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li aktar kmieni wara nofsinhar huwa ltaqa' ma'rapprezentant tal-Fundazzjoni Alf. Mizzi u mal-Perit Mark John Scicluna fejn gie diskuss l-upgrading tal-bandli. Huwa nforma lill-Kunsill li filwaqt li hemm reazzjoni posittiva minn naha tal-Fondazzjoni Alf Mizzi, huwa talab l-ghajnuna li m'hemmx ghalfejn tkun finanazjarja (ez. haddiema, gafef, madum, ec) minghand il-Ministeru tat-Transport. Is-Sindku qal li huwa talab lill-Perit Scicluna sabiex f'isem il-Kunsill issir talba lill-Mepa halli jiggiedded il-permess (li jaghlaq hames snin f'Mejju 2016) ghal upgrading tal-bandli b'sena, u b'hekk il-Kunsill ikollu sena zmien sabiex ilesti dan il-progett. Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-pjanta tal-bandli fejn huwa imperattiv li jkun hemm toilets kemm ghat-tfal kif ukoll ghal tfal b'dizabilita' u rtirar ta' bankini. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bandli ser isiru ghal tfal taht –erbatax il-sena.

## 6. Xoghlijiet u Approvazzjoni tal-Lift fil-Berga ta-Ingilterra

**6.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol ta' rinovar tal-kmamar tat-tabib u tan-ners fil-Berga tal-Ingilterra miexi tajjeb hafna. Is-Sindku zied jghid li qieghed jistenna l-estimi biex isir il-lift fil-Berga tal-Ingilterra, sabiex wiehed ikun jista' jinforma lis-Segretarjat Parlamenti ghall-Kuri tal-Anzjani bl-ispejjez involuti.

## 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**7.1** Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, HSBC 9551- 9552, BOV 2869-2905 u BANIF 489647 - 489654. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata it- 8 ta' Marzu, 2016 sa l4 t'April, 2016.

## 8. Aggornament

Il-Laqgha 15(07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fis-7:00 pm (sebgha ta' filghaxija).

.

_________________________ _____________________________

| | |
|---|---|
| Tania Belfiore | John Boxall |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

*Approvati llum ....................................................*